# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 32**

**Rikors numru 321/18**

**Gemma Marchett**

**v.**

**Alfred Marchett**

PRELIMINARI.

1. Fit-13 ta' Ġunju 2013, cioe` fil-mori tal-kawża prinċipali (114/2013/AL), l-attriċi Gemma Marchett ippreżentat rikors fejn *inter alia* talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex *pendente lite* tordna lill-konvenut iħallasha manteniment. Dan ir-rikors ġie degretat fit-3 ta' Lulju 2013 fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi €200 kull erba' ġimgħat

bħala manteniment għaliha, b'dan li jibqa' jħallas il-kontijiet kollha konnessi mad-dar matrimonjali.

2. Wara li s-sentenza li tat l-ewwel Qorti fl-10 ta' Lulju 2018 u li biha l-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi manteniment ta' €300 fix-xahar (oltre li d-Direttur tas-Sigurta` Soċjali ġie ordnat jgħodd il-pensjonijiet tat-tnejn u jħallas nofs ugwalment lil kull parti), u wara li l-konvenut appella mis-sentenza, fl-24 ta' Ottubru 2018 l-attriċi ppreżentat rikors li bih talbet lil din il-Qorti sabiex waqt li jkun għadu pendenti l-appell, tordna li titħallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti.

3. Is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża ta' firda ngħatat illum u ġiet ikkonfermata dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti dwar il-manteniment fejn ordnat li l-attriċi titħallas *"nofs kull pensjoni li jieħu r-raġel minn Malta oltre €300 fix-xahar li għandu jħallas ir-raġel lil martu u dan in vista ta' dak li hu jipperċepixxi mill-pensjoni tal-Awstralja"*.

4. Ir-rikors baqa' ma ġiex degretat. Billi s-sentenza finali ngħatat illum u dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar il-manteniment ġiet ukoll konfermata, m'hemmx ħtieġa li l-qorti tieħu iktar konjizzjoni ta' dak ir-rikors. Ovvjament il-manteniment li ordnat l-ewwel Qorti għandu jitħallas b'effett mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

**Għaldaqstant, ma tqiesx iktar ir-rikors tal-attriċi stante li t-talba hi llum eżawrita. Spejjeż kollha relatati mar-rikors a karigu tal-konvenut.**

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm